MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 2454/1998/1

**Alsan Enterprises Limited u**
**l-A.I.C. Perit Alfred Briffa**

**vs**

**Adriana Testaferrata Abela, Miriam mart Alain Chemel**
**u**
**Victoria mart Anthony Tabone.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-appellanti Alsan Enterprises Limited u l-A.I.C. Perit Alfred Briffa tat-18 ta' Ottubru, 2002;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati tas-6 ta' Novembru, 2002;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-lum;
Ikkunsidrat li l-ewwel talba tar-rikorrenti, u cioe` li din il-Qorti tordna fir-Registratur sabiex jirrevedi l-kawtela u jiffissa garanzija ohra, ma tistax tintlaqa’. L-appellanti kellhom mezzi ohra u disposizzjoni taghhom skond il-ligi biex jikkontestaw il-kawtela, izda certament mhux b’rikors kif gie presentat, u cioe` r-rikors tat-18 ta’ Ottubru, 2002;

Rat ukoll il-verbal tal-udjenza tal-21 ta’ Ottubru, 2002;

Ghar-raguni premessa, tichad l-ewwel talba kif migjuba fir-rikors imsemmi tat-18 ta’ Ottubru, 2002;

U peress li l-kawtela ma saritx fiz-zmien indikat fl-Artikolu 249(1) tal-Kap. 12;

Wara li rat l-Artikolu 209(1) tal-Kap. 12;

Tiddikjara l-appell dezert fit-termini tal-imsemmija disposizzjoni (u cioe` 209(1)), u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet talbiet kif migjuba fir-rikors tat-18 ta’ Ottubru, 2002. Spejjez a karigu ta’ l-appellanti.

Dep. Reg.
df